# Il-Kappillan Franġisk Xuereb

**Kitba ta' Kanonku Mario Agius**

*Bosta huma l-Kappillani tal-Parroċċa Matriċi ta' San Leonardu li ser jibqgħu mfakkra għal ħidma u l-impenn tagħhom, u l-opri li ħallew warajhom. Fost dawn insibu lill-Kappillan Franġisk Xuereb li jibqa' l-aktar imfakkar għall-pedestall tal-vara titulari li tħallas minn butu. Il-Kanonku Mario Agius, li ħadem qrib tiegħu, u jafu sew, jirrakkontalna min kien Dun Franġisk Xuereb.*

Min kien il-kappillan Xuereb? Dan kien is-sbatax-il kappillan tal-Parroċċa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop u s-sitt wieħed tal-Parroċċa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid.

Meta wieħed japplika għal xi mpjieg ta' responsabiltà, jintalab jehmeż is-*C.V.* tiegħu, naturalment sa dakinhar li jagħmel it-talba tiegħu. Il-*curriculum vitae* ta' Dun Franġisk Xuereb ilu magħluq b'mewtu 37 sena.

Kieku kellna nfasslu *C.V.* tal-mibki Mons. Franġisk Xuereb naħseb li jkun dan li ġej.

Franġisku Xuereb twieled iż-Żejtun fis-17 ta' Ottubru 1900 minn Giovanni Xuereb, miż-Żejtun u Lorenza Cassar, minn Ħaż-Żabbar. Studja fis-Seminarju ta' Għawdex. Ftit qabel ma kien ordnat djaknu, il-familja tiegħu ġiet toqgħod Raħal Ġdid. Kien ordnat saċerdot fl-1927.



**Ritratt meħud minn Dun Franġisk innifsu li juri l-grupp ta' tfal jista' jkun tad-Duttrina jew l-Iskola Koppija fit-tletinijiet, quddiem id-dar f'Misraħ Kirkop li aktar 'il quddiem kellha sservi bħala berġa tas-saħħa (il-bieb tal-lemin) u dar parrokkjali (bieb fuq ix-xellug) (Ritratt Can. Agius)**



Il-Kappillan Franġisk Xuereb ftit wara li ħalla l-parrokat ta' Ħal Kirkop (Ritratt Can. Agius)

Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien dedikata lill-Qalb ta' Ġesù Sultan u magħrufa ta' Sant Ubaldeska. Il-bini tal-knisja l-ġdida ta' Kristu Re kien għadu fil-bidu.

Fl-istess sena (1927) kien magħżul kappillan ta' Ħal Kirkop, flimkien mal-kappillan Dun Ġużepp Barbara li kien anzjan ħafna u nieqes mid-dawl. Il-Kappillan Xuereb kellu d-dritt tas-suċċessjoni wara l-kappillan ix-xiħ. B'kollox, Dun Franġisk dam Ħal Kirkop madwar 10 snin.

Dun Franġisk Xuereb sar kappillan tal-Parroċċa ta' Kristu Re fl-1937. Kien ftit qabel ma faqqgħet it-tieni gwerra dinjija. Kienet tintuża biss, u baqgħet hekk għal xi żmien, il-parti ta' wara tal-knisja l-ġdida, msaqqfa bl-injam u b'faċċata proviżorja tal-injam, b'sagristija tal-injam ukoll fil-portiku tal-lemin.

F'Ġunju tal-1951, fil-knisja ta' San Pietru, il-Vatikan, il-kappillan Xuereb sofra puplesija qawwija (*stroke*). Kien mar Ruma biex jassisti għall-kanonizzazjoni ta' Sant Emilja de Vialar, fundatriċi tas-sorijiet tas-*St.Joseph*, li għandhom kunvent f'Raħal Ġdid.

Fl-1952, hu talab li jkollu miegħu bħala kappillan ko-adjutur lil Dun Adolf Aġius. L-Arċisqof Gonzi laqa' bil-qalb din is-supplika. U hawnhekk l-istorja li kienet seħħet fil-bidu f'Ħal Kirkop donnha rrepetiet ruħha. Għax il-poplu ta' Raħal Ġdid, b'sens qawwi ta' ħbiberija u rispett, beda jsejjaħ lil Dun Franġisk bħala l-kappillan ix-xiħ u lil Dun Adolf il-kappillan iż-żgħir.


**Kappillan Xuereb maġenb l-Arċisqof Gonzi waqt żjara pastorali fl-Iskola Primarja ta' Raħal Ġdid (Ritratt Can. Agius)**

Fl-1962, wara 25 sena kappillan ta' Raħal Ġdid, irriżenja minn jeddu u kien maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral.

Fis-sena ta' wara, 1963, kif kien ilu joħlom u jixtieq, bi ftehim mal-kappillan Dun Adolf, beda jibni l-knisja l-ġdida tal-Madonna ta' Lourdes, fin-naħa t'isfel ta' Raħal Ġdid magħrufa bħala l-Marsa. Din il-knisja tbierket u nfetħet fl-1964. Megħjun minni u minn Dun Ġużepp Sammut, kien l-ewwel u l-uniku rettur ta' din il-knisja tal-Madonna ta' Lourdes sakemm inqatgħet bħala parroċċa għaliha fl-1974.

Monsinjur Xuereb miet fit-22 ta' Lulju 1976 fil-11.35 p.m. Kien il-Ħamis, it-tieni jum tat-Tridu tal-Festa Titulari ta' Kristu Re.

Il-ħidma fejjieda, għalhekk, tal-kappillan Xuereb tista' tinqasam fi tliet fażijiet: 10 snin fil-parroċċa ta' San Leonardu, 25 sena fil-parroċċa ta' Kristu Re u 10 snin fil-knisja filjali tal-Madonna ta' Lourdes.


**Dun Franġisk Xuereb maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral fl-1962. Ritratt iffirmat minnu stess (Ritratt Can. Agius)**



Il-funeral ta' Mons. Xuereb 1976 (Ritratti Can. Agius)



L-imħabba u l-ġenerożità ta' Dun Franġisk Xuereb, tidher ħajja, b'mod ripetittiv u koerenti f'dawn it-tliet stadji ta' ħajtu.

Kull fejn kien, il-kappillan Xuereb ma kienx jitlob l-għajnuna, anke iebsa, jekk hu stess ma jmiddx idejh l-ewwel wieħed. Hekk għamel f'Ħal Kirkop meta ddeċieda li wasal iż-żmien li l-paviment tal-knisja jinkesa bl-irħam. Kien jeħtieġ qabel, li l-għadam li kien hemm fl-oqbra jinġabar b'mod dinjituż u jindifen bil-qima, f'qabar imħejji fiċ-ċimiterju parrokkjali. Dak iż-żmien, kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar fil-knejjes parrokkjali kollha, kien isir il-kant tal-għasar. U wara, kull kappillan, kif obbligat mill-Konċilju ta' Trentu, kien jagħmel il-katekiżmu, li għalih kienu jattendu l-maġġoranza l-kbira tal-irġiel u n-nisa tal-parroċċa.



Il-Kappillan Xuereb kien imidd idu għax-xogħol sabiex jagħti eżempju. Hawn narawh mal-Perit Damato quddiem il-Knisja f'Raħal Ġdid (Ritratt Can. Agius)

Ħadd minnhom, wara l-katekiżmu, il-kappillan Xuereb talab lill-irġiel biex il-Ħadd ta' wara jiġu ppreparati biex jgħinuh fit-tħammil tal-oqbra li kien hemm fil-knisja. Naturalment, kien hemm min tmeżmeż. In-nisa bdew jagħmlu pressjoni fuq żwieġhom biex ma jaċċettawx l-istedina tal-Kappillan. Il-Ħadd ta' wara, meta spiċċa kollox, ħafna mill-irġiel ħarġu fuq iz-zuntier u baqgħu hemm barra, bejn ħaltejn ma jafux x'ser jaqbdu jagħmlu. Is-sagristan fetaħ beraħ il-bibien tal-knisja biex minn barra jidher sew x'ser jiġri ġewwa. Il-kappillan Xuereb daħal fis-sagristija, neħħa s-suttana u libes *overall* abjad. Imbagħad ma' wieħed jew tnejn li kienu miegħu, hu stess kien l-ewwel wieħed li niżel fl-ewwel qabar li nfetaħ u b'idejh beda jiġbor f'qoffa l-għadam għażiż tal-mejtin. Meta raw hekk, ħafna minn dawk li kienu baqgħu barra daħlu biex jagħtu s-sehem tagħhom. B'hekk, it-tindif tal-oqbra sar b'mod tajjeb u nisrani, mhux bħalma sfortunatament ġara fi knisja qrib Ħal Kirkop.



Mons. Xuereb ibierek is-salib tal-koppla tal-Knisja ta' Kristu Re, Raħal Ġdid (Ritratt Can. Agius)

Sa l-aħħar ta' ħajtu, kull fejn kien, fi tlett stadji tal-ħajja pastorali tiegħu, baqa' magħruf għall-karità tiegħu ma' min kien fil-bżonn, speċjalment il-foqra ġodda u mhux magħrufa. Ta lill-knisja ta' Ħal Kirkop sett gandlieri għall-altar maġġur għall-Festa ta' San Leonardu. Inxtara orgni għall-knisja, sar l-ornament mal-bieb tal-knisja, il-pavimentar tal-knisja tal-irħam u akkwista ċimiterju minn għand il-gvern. Qabel ma telaq għal Raħal Ġdid wiegħed pedestall ġdid għall-istatwa titulari. Dan sar fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Theuma li ilu jżejjen il-vara ta' San Leonardu mis-sena 1964. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li Dun Franġisk Xuereb kien wieħed mill-iktar kappillani li għamlu ġid kbir lill-Parroċċa ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop.

SCULTORE
FLAVIO PANCHERI
ORTISEI - Bolzano
ITALY



Ritratt storiku tal-pedestall ta' San Leonardu fuq l-injam *fl-istudio* tal-iskultur Taljan Flavio Pancheri minn Bolzano. Jidher li dan ir-ritratt intbgħat lil Dun Franġisk mill-artist innifsu kif jixhed it-timbru fuq wara tal-istess ritratt. Hu fatt magħruf li qabel ġie Ħal Kirkop sabiex wara jiġi indurat, il-pedestall ittieħed Raħal Ġdid sabiex il-parruċċani jammiraw il-ġenerożità tal-Kappillan Xuereb mal-Parroċċa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop (Ritratt Can. Agius)



L-aħħar għotja ta' valur li ħallas – il-prospettiva impittra minn Emvin Cremona għall-Knisja ta' Lourdes, Raħal Ġdid (Ritratt Can. Agius)

Wara diversi għotjiet ta' valur lill-knisja ta' Kristu Re, l-aħħar donazzjoni tiegħu kienet il-pittura ta' Emvin Cremona, fl-*abside* tal-knisja tal-Madonna ta' Lourdes.